MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 100/2006

**Edward Balzan**

**Vs**

**Dr. Deborah Mifsud Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Frar, 2006, fejn l-attur talab illi Dott D Mifsud Attard LLD thallas l-ammont ta' kera dovut lilu ta' seba` u ghoxrin Liri Maltin (Lm27) dovut ghall perjodu bejn Ottubru 2005 u Ottubru 2006 fuq id-dar numru 51, Triq Santa Rita Sliema. Ma dan l-ammont dovut jridu jizdiedu l-ispejjez ta' l-ittra registrata, ittri ohrajn u telefonati li jammontaw ghal erba` Liri Maltin (Lm4).

Ra r-Risposta tal-konvenuta tal-11 ta’ Ottubru 2006, fejn gie eccepit illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont dovut jirrapprezenta cens li kien jithallas minni il-kovenuta ghan-nom tal-klijenti tieghi l-ahwa Tabone.

Illi minn dak iz-zmien lanqas baqghu klijenti tieghi u ghaldaqstant dan l-ammont zgur mhux dovut minni.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jirriklama l-hlas ta’ kera dovut lilu minn ghand Dr Deborah Mifsud Attard li minn ghandha kien jircievi l-hlas.

Minn naha taghha l-konvenuta tghid illi hija giet mharrka inutilment peress illi meta hija kienet tigbor il-kera u tghaddiha lill-attur – dan kienet taghmlu ghan-nom ta` klijenti li illum ma` ghadiex tippatrocina.

Illi dan jidher ippruvat minn DOK EBI pprezentat mill-attur stess illi huma zewg ricevuti li jindikaw illi l-hlas tal-kera tal-fond de quo kien isir, sa` Settembru 2006, minn certu Joe Farrugia.

Illi t-Tribunal (vide verbal 22.11.06) spjega lill-attur n-natura ta` l-eccezzjoni tal-konvenuta u talbu illi jkellem Avukat sabiex jirregola ruhu – haga illi l-attur iddikjara li ser jaghmel – li pero` jirrizulta illi baqa` ma` ghamilx.

Ir-rizultat hu illi dan it-Tribunal ser ikollu jghaddi ghad-decizjoni fuq l-atti tal-kawza kif inhuma.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jichad it-talba attrici.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jordna illi din il-kawza tibqa` bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------